32005D0413

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Mejju 2005

li temenda d-Deċiżjonijiet 2004/696/KE u 2004/863/KE fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja lill-programmi għall-qerda u l-monitoraġġ tat-TSE għall-2005

(innotifikata taħt id-dokument numru C(2005) 1550)

(2005/413/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju [1], u partikolarment l-Artikoli 24(5) u (6) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/696/KE ta' l-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-lista ta' programmi għall-qerda u l-monitoraġġ ta' ċerti TSE li jikkwalifikaw għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2005 [2], telenka l-programmi kif ukoll ir-rata proposta u l-ammont tal-kontribuzzjoni għal kull programm.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/863/KE tat-30 ta' Novembru 2004 tapprova l-programmi ta' ċerti Stati Membri għall-qerda u l-monitoraġġ tat-TSE għall-2005 u tiffissa l-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità [3].

(3) Fit-28 ta' Jannar 2005, bord ta' esperti tal-Komunità, ippresjedut mil-laboratorju Komunitarju ta' Referenza għat-TSEs (CRL), ikkonferma s-sejba ta' enkefalopatija sponġiformi bovina (BSE) f'mogħża maqtula fi Franza. Dan kien l-ewwel każ ta' BSE f'bhima żgħira li tixtarr taħt kundizzjonijiet naturali.

(4) Fl-istqarrija tiegħu tat-28 ta' Jannar 2005, il-Bord Xjentifiku dwar il-Perikli Bijoloġiċi ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurezza ta' l-Ikel (EFSA) saħaq li s-sinifikanza ta' dak il-każ uniku ta' infezzjoni ta' BSE f'mogħża fi Franza għad trid tiġi evalwata. Sabiex tagħmel dan, l-EFSA indikat li r-riżultati ta' sorveljanza miżjuda tat-TSE fil-mogħoż huma essenzjali.

(5) B'reazzjoni għal dik l-istqarrija, ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, l-kontroll u l-qerda ta' ċerti enkefalopatiji sponġiformi trażmissibbli [4], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2005 [5], introduċa programm ġdid għas-sorveljanza tat-TSE fil-bhejjem kaprini li beda mill-11 ta' Frar 2005. Taħt il-programm ġdid ta' sorveljanza, in-numri ta' bhejjem kaprini f' saħħithom maqtula jew li mietu fl-istabbiliment biex jitressqu għall-ittestjar żdiedu sostanzjalment.

(6) Minħabba l-partikolaritajiet tas-settur tal-laħam tal-mogħoż, il-valur limitat tal-mogħoż 'il fuq minn 18-il xahar għal skopijiet ta' qtil, u fid-dawl ta' l-importanza ta' implimentazzjoni effettiva tal-monitoraġġ miżjud sabiex tiġi evalwata l-prevalenza tal-BSE fil-bhejjem kaprini, huwa xieraq li jiżdied l-ammont għar-rifużjoni ta' kull test lill-Istati Membri mill-Komunità sa ammont massimu ta' EUR 30 għal kull test rapidu magħmul fuq bhejjem kaprini.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[2] ĠU L 316, 15.10.2004, p. 91.

[3] ĠU L 370, 17.12.2004, p. 82.

[4] ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 260/2005 (ĠU L 46, 17.2.2005, p. 9).

[5] ĠU L 37, 10.2.2005, p. 9.

(7) Minbarra dan, ir-Regolament (KE) 999/2001, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 36/2005 [1], jistipula l-ittestjar diskriminatorju sistematiku ta' bilfors sabiex jiddifferenzja l-BSE mill-iscrapie fil-każijiet kollha ta' TSE misjuba f'bhejjem ovini u kaprini li għandu japplika mill-14 ta' Jannar 2005. Dik il-miżura għandha titqies bħala eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-programmi ta' monitoraġġ u qerda tat-TSE fl-Istati Membri.

(8) Fid-dawl ta' l-importanza li għandha l-evalwazzjoni tal-prevalenza tal-BSE f'annimali żgħar li jixtarru għall-ksib ta' l-għanijiet Komunitarji fil-qasam tas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali, huwa xieraq li l-100 % ta' l-ispejjeż imħallsa mill-Istati Membri għat-testijiet molekolari primarji biex il-BSE tiġi ddifferenzjata mill-iscrapie jkunu mħallsa lura.

(9) Għalhekk huwa meħtieġ li l-ammont massimu tal-parteċipazzjoni finanzjarja mill-Komunità għal kull programm jiġi rivedut, kif stipulat fid-Deċiżjonijiet 2004/696/KE u 2004/863/KE.

(10) Id-Deċiżjoni 2004/863/KE tistipula l-kundizzjonijiet għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità, inkluż it-tressiq ta' rapport kull xahar lill-Kummissjoni mill-Istati Membri kkonċernati dwar il-progress tal-programmi ta' monitoraġġ tat-TSE u l-ispejjeż li ntefqu. L-Anness għal dik id-Deċiżjoni juri l-ispejjeż li għandhom jitħallsu. Dak l-Anness għandu jiġi emendat sabiex jitqiesu l-emendi għall-Annessi III u X għar-Regolament (KE) Nru 999/2001, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 36/2005 u Nru 214/2005.

(11) Id-Deċiżjonijiet 2004/696/KE u 2004/863/KE għandhom għalhekk jiġu emendati kif jixraq.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/696/KE huwa emendat skond l-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2004/863/KE hija emendata kif ġej:

1) Fl-Artikolu 1(2), "EUR 3 550 000" tinbidel b"EUR 3 586 000";

2) Fl-Artikolu 2(2), "EUR 1 700 000" tinbidel b"EUR 1 736 000";

3) Fl-Artikolu 3(2), "EUR 2 375 000" tinbidel b"EUR 2 426 000";

4) Fl-Artikolu 4(2), "EUR 15 020 000" tinbidel b"EUR 15 170 000";

5) Fl-Artikolu 5(2), "EUR 290 000" tinbidel b"EUR 294 000";

6) Fl-Artikolu 6(2), "EUR 585 000" tinbidel b"EUR 1 487 000";

7) Fl-Artikolu 7(2), "EUR 4 780 000" tinbidel b"EUR 8 846 000";

8) Fl-Artikolu 8(2), "EUR 24 045 000" tinbidel b"EUR 29 755 000";

9) Fl-Artikolu 9(2), "EUR 6 170 000" tinbidel b"EUR 6 172 000";

10) Fl-Artikolu 10(2), "EUR 6 660 000" tinbidel b"EUR 8 677 000";

11) Fl-Artikolu 11(2), "EUR 85 000" tinbidel b"EUR 353 000";

12) Fl-Artikolu 12(2), "EUR 835 000" tinbidel b"EUR 836 000";

13) Fl-Artikolu 13(2), "EUR 145 000" tinbidel b"EUR 155 000";

14) Fl-Artikolu 14(2), "EUR 1 085 000" tinbidel b"EUR 1 184 000";

15) Fl-Artikolu 15(2), "EUR 35 000" tinbidel b"EUR 36 000";

16) Fl-Artikolu 16(2), "EUR 4 270 000" tinbidel b"EUR 4 510 000";

17) Fl-Artikolu 17(2), "EUR 1 920 000" tinbidel b"EUR 2 076 000";

18) Fl-Artikolu 18(2), "EUR 1 135 000" tinbidel b"EUR 1 480 000";

19) Fl-Artikolu 19(2), "EUR 435 000" tinbidel b"EUR 444 000";

[1] ĠU L 10, 13.1.2005, p. 9.

20) Fl-Artikolu 20(2), "EUR 1 160 000" tinbidel b"EUR 1 170 000";

21) Fl-Artikolu 21(2), "EUR 305 000" tinbidel b"EUR 313 000";

22) Fl-Artikolu 22(2), "EUR 5 570 000" tinbidel b"EUR 5 690 000";

23) L-Artikolu 23 hu mibdul bis-segwenti:

"Artikolu 23

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-programmi ta' monitoraġġ tat-TSE msemmija fl-Artikoli 1 sa 22 se tkun bir-rata ta' 100 % ta' l-ispejjeż imħallsa, mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud, mill-Istati Membri kkonċernati għat-testijiet imwettqa, soġġetti għal:

a) ammont massimu ta' EUR 8 għal kull test, għal testijiet li saru mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005 fuq bhejjem bovini u ovini msemmija fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

b) ammont massimu ta' EUR 30 għal kull test, għal testijiet li saru mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005 fuq bhejjem kaprini msemmija fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

c) ammont massimu ta' EUR 145 għal kull test, għal testijiet primarji molekolari diskriminatorji li saru mill-14 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005 kif jissemma fl-Anness X, Kapitolu C, punt 3.2 (c) (i) għar-Regolament (KE) Nru 999/2001";

24) L-Anness huwa sostitwit bl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-30 ta' Mejju 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/696/KE jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS I

Lista ta' programmi għas-sorveljanza tat-TSE

Rata u ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità

(f'EUR)

Marda	Stat Membru	Testijiet (1) tar-rata mwettqa	Ammont massimu
TSE	L-Awstrija	100 %	2 076 000
	Il-Belġju	100 %	3 586 000
	Ċipru	100 %	353 000
	Ir-Repubblika Ċeka	100 %	1 736 000
	Id-Danimarka	100 %	2 426 000
	L-Estonja	100 %	294 000
	Il-Finlandja	100 %	1 170 000
	Franza	100 %	29 755 000
	Il-Ġermanja	100 %	15 170 000
	Il-Greċja	100 %	1 487 000
	L-Ungerija	100 %	1 184 000
	L-Irlanda	100 %	6 172 000
	L-Italja	100 %	8 677 000
	Il-Litwanja	100 %	836 000
	Il-Lussemburgu	100 %	155 000
	Malta	100 %	36 000
	L-Olanda	100 %	4 510 000
	L-Portugall	100 %	1 480 000
	Is-Slovenja	100 %	444 000
	Spanja	100 %	8 846 000
	L-Iżvezja	100 %	313 000
	Ir-Renju Unit	100 %	5 690 000
		Total	96 396 000

(1) Testijiet rapidi u testijiet primarji molekolari."

ANNESS II

"ANNESS

Monitoraġġ TSE			
Stat Membru:	Xahar:	Sena:	
Testijiet fuq annimali bovini			
	Numru ta' testijiet	Nefqa għal kull unità	Nefqa totali
Testijiet fuq annimali msemmija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti I, punti 2.1,3 u 4.1 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Testijiet fuq annimali msemmija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti I, punti 2.2, 4.2 u 4.3 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Total			
Testijiet fuq annimali ovini			
	Numru ta' testijiet	Nefqa għal kull unità	Nefqa totali
Testijiet fuq annimali msemmija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 2(a) għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Testijiet fuq annimali msemmija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 3 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Testijiet fuq annimali msemmija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 5 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Total			
Testijiet fuq annimali kaprini			
	Numru ta' testijiet	Nefqa għal kull unità	Nefqa totali
Testijiet fuq annimali msemmija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 2(b) għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Testijiet fuq annimali msemmija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 3 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Testijiet fuq annimali msemmija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 5 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Total			
Ittestjar primarju molekolari b'"immuno-blotting' diskriminatorju			
	Numru ta' testijiet	Nefqa għal kull unità	Nefqa totali
Testijiet fuq annimali msemmija fl-Anness X, Kapitolu C, punt 3.2 (c) (i)"			